**196. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Brincat jipproponi**:

**MOZZJONI SABIEX ID-DISKUSSJONI FUQ IL-MOZZJONI NRU. 197 TIDHER FUQ IT-T.V. U MEZZI O]RA TAŻ XANDIR**

Illi l-Kamra tiddeċiedi li d-dibattitu fuq il-mozzjoni Nru. 197 dwar dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim bejn il-Kommunità Ewropea u Malta, ikun jista' jiġi ffilmajt u jintwera direttament fuq it-*television* u mezzi oħra tax-xandir; u li għalhekk ikunu jistgħu fil-Kamra l-persuni meħtieġa għal dan il-għan.

**25.07.1979**